MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Talba Numru. 75/2004

**Xuereb Installations Ltd**

**vs**

**Arredando Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat 15 ta' Jannar, 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm195.50) rapprezentanti prezz ta' hamsin 'gypsum board', lilha mibjugha u kkonsenjati mill-istess socjeta attrici fil-5 ta' Novembru, 2003.

Bl-ispejjez u bl-interessi, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji datati 15 ta' Dicembru 2003 u 29 ta' Dicembru 2003,

kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm195.50) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------